MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 69/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Christian Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Christian Camilleri talli fl-14 ta' Dicembru 2005 u fix-xhur ta' qabel mexxa jew opera jew halla li tigi operata jew li titmexxa attivita` turistika (stabbiliment li jipprovdi l-ikel) Re-Store 13, Pinto Wharf, Valletta Waterfront, Valletta, minghajr ma kellu licenzja mahruga ghalhekk mill-Awtorita` tat-Turizmu.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tigi applikata l-piena skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 43(1) u (2) tal-Kap. 409 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-26 ta’ Frar 2008, li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Christian Camilleri hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u lliberatu minnha;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fit-13 ta’ Marzu 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, issib htija u tinfliggi piena skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta’ l-imsemmi Christian Camilleri pprezentat fit-30 ta’ Gunju 2008;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ l-istess Christian Camilleri pprezentata fit-3 ta’ Dicembru 2008;

Rat is-sentenza preliminari ta’ din il-Qorti tal-15 ta’ Lulju 2009 li permezz taghha cahdet it-tliet pregudizzjali sollevati mill-appellat u, kwantu ghat-tielet pregudizzjali li permezz taghha l-appellat talab li ssir referenza kostituzzjonali, iddikjarat din it-talba frivola u vessatorja u ordnat il-prosegwiment tal-kawza;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant Avukat Generali hu illi l-ewwel Qorti, minkejja li giet rinfaccata bil-fatt li l-appellat kien qed jopera bla licenzja, qalet li l-prosekuzzjoni ma ppruvatx in-nuqqas ta’ licenzja. Skond l-appellant dan kien apprezzament zbaljat tal-provi ghax id-dokument esibit ma kienx licenzja u fin-nuqqas ta’ prova li kien hemm licenzja, kif asserit mill-prosekuzzjoni, dik il-Qorti kellha ssib htija.

Din il-Qorti taqbel ma’ l-appellant illi d-dokument esibit a fol. 13 tal-process ma jikkonsistix f’licenzja biex jigi operat il-fond in kwistjoni. Difatti l-istess dokument, li hu intestat bhala *“Tourism Policy Compliance Certificate”* jghid car u tond: *“The certificate is for development purpose only and should not to* [***sic!***] *be considered as an operating license. The operating license will be granted independently, following the undertaking of inspections as necessary.”* L-appell pero` hu bbazat fuq il-presuppost illi l-appellat kien l-operatur fiz-zmien in kwistjoni. L-appellat jikkontendi li ma kienx operatur.

L-artikolu 43(1)(a) tal-Kap. 409 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi:

**“43. (1) Kull min -**

**(a) minghajr ma jkollu licenza, imexxi xi attività turistika jew jippermetti li xi attività turistika titmexxa minn jew fi proprjetà li taghha jkun is-sid jew koproprjetarju jew li minnha jew fiha jkun seta’ mexxa dik l-attività li kieku kellu licenza valida ….**

**ikun hati ta’ reat….”**

Mill-provi jirrizulta illi l-appellat ma kellux licenzja. Jirrizulta wkoll illi la kien is-sid u l-anqas koproprjetarju tal-fond in kwistjoni. Certament kieku kellu licenzja kien ikun jista’ jmexxi l-attivita` turistika in kwistjoni, izda l-anqas ma jirrizulta mill-provi li kien awtorizzat jitlob biex jottjeni tali licenzja. L-ispettur ta’ l-MTA Anthony Cutajar xehed illi l-appellat dejjem gie indikat lilu bhala l-persuna responsabbli u fl-14 ta’ Dicembru 2005 sab lill-appellat fuq il-post wara li wkoll saqsa ghal min kien responsabbli. Andrea Zammit, spettur iehor ta’ l-MTA, akkompanja lil Anthony Cutajar darba biss, u cioe` fl-14 ta’ Dicembru 2005 u dakinhar kelmu lil Charles Borg li qalilhom li kien il-*manager* u meta qalulu li kellhom problema rreferihom lill-appellat li nizel u kellmuh dwar il-problema tal-*grease trap*. X’seta’ qal haddiehor li ma giex prodott bhala xhud f’dawn il-proceduri lill-ispetturi jikkostitwixxi biss *hearsay*. Huwa veru illi ma jirrizultax illi l-appellat irrefera lill-ispetturi lil

haddiehor, izda dan ma jfissirx awtomatikament li, ghax kien qieghed jiehu r-responsabbilta` ta' l-armar tal-fond u ghax seta' ha responsabbilta` biex jara li l-*grease trap* kien kif suppost, kien qieghed imexxi l-attivita` turistika fil-fond in kwistjoni. M'hemmx dubju li huwa kien involut fil-preparazzjoni tal-fond. Hu stess jghid illi kien jahdem id f'id ma' l-arkitett u li sakemm fethu kien ghadu hemm. Jispjega pero` illi hu kien hemm *"just to keep monitoring"*. Kien qed jiehu hsieb l-interessi tax-*shareholders*, jara jekk hux sejjer kollox kif suppost. Kellhom *head chef* li jiehu hsieb l-*ordering* tal-prodotti u *general manager* li jiehu hsieb l-affarijiet kollha. L-operatur tal-post fil-fatt kienet is-socjeta` Re-Store Ltd. peress illi l-fond in kwistjoni kien inkera lilha mis-socjeta` Viset Malta plc. Il-kuntratt ta' kiri gie ffirmat minn Herman Miceli Demajo u Charles Camilleri f'isem is-socjeta` Re-Store Ltd.

L-artikolu 2 tal-Kap. 409 imsemmi jiddefinixxi "operatur" ta' attivita` turistika bhala persuna, li ma tkunx sid, li tkun intitolata li thaddem dik l-attività turistika minn jeddha [fit-test Ingliz: *"who is entitled to operate it in his own right"*] kif intitolata, direttament jew indirettament, minn sid.

Wiehed mid-diretturi tas-socjeta` inkwilina kien Charles Camilleri, missier l-appellat, li xehed li l-appellat ibnu impjegat ma' Camilleri Group u m'ghandux x'jaqsam ma' Re-Store. Xehed illi ibnu kien jinzel ghax kien jibaghtu hu ghall-interessi tax-*shareholders* biex jara li l-affarijet qed isiru kif suppost. Jigifieri l-appellat ma giex awtorizzat "ihaddem" l-attivita` turistika in kwistjoni. Ma kellu l-ebda awtorita` li ma jhallix l-attivita` turistika topera. Finalment ma jirrizultax minghajr dubju ragjonevoli li f'xi zmien kien qieghed imexxi, ihaddem jew jopera <u>hu</u> l-imsemmija attivita` turistika.

Kwindi huwa ghal dawn ir-ragunijiet li l-appellat kellu jigi lliberat mill-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u mhux ghar-raguni moghtija mill-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant l-appell ta' l-Avukat Generali ma jimmeritax li jigi milqugh u m'hemmx lok li din il-Qorti tikkunsidra s-sottomissjonijiet ulterjuri li saru mid-difiza.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell, u tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ma sabitx lill-appellat Christian Camilleri hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u lliberatu minnha, u dan ghar-ragunijiet kif fuq esposti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------